MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tas-17 ta' Gunju, 2005

Talba Numru. 14/2004

**Sue Bartolo**

**vs**

**Antoine Vassallo ezercenti l-kummerc taht l-isem ta' Antoine Auto Dealer**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-5 ta' Jannar 2004 fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-attrici s-somma ta' elf lira Maltin (Lm1,000.00) rapprezentanti servizzi ta' *debt collection* rezi mill-attrici lill-konvenut.
Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-ittra legali datata 7 ta' Ottubru 2003 u tal-Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju numru 273/03 u bl-imghax mid-data tal-ittra legali sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-konvenut.

Ra r-Risposta tal-konvneut fejn huwa eccepixxa s-segwenti:-

Illi t-talbiet attrici huma kontestati u l-eccipjent m'ghandux jaghti lill-attrici l-ammont minnha mitlub u dan kif ser jirrizulta waqt is-smiegh tal-kawza.
Illi l-attrici ghandha taghti rendikont ta' diversi kambjali fil-pussess taghha.
Illi bl-agir taghha in konnessjoni mal-kambjali, l-attrici qieghda tikkawza danni lill-eccipjent li minn issa jirriserva d-drittijet kollha tieghu.

Sema' x-xhieda tal-attrici. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esebiti mill-partijiet.

Sema t-trattazzjoni tal-avukati difensuri tal-partijeit.

Ikkunsidra:

Illi l-attrici kient toffri s-ervizzi ta' *debt collection* lill-konvenut u hija kienet tithallas is-somma ta Lm500.00 fix-xahar ghal dawn is-servizzi li kienet qed tirendi fuq inkarigu tal-konvneut. Mill-provi rrizulta li l-attrici ma komplietx tipprovdi dawn is-servizzi minhabba xi ncidenti li nqalghu bejnha u bejn il-konvenut u li dan tal-ahhar kien ghad fadallu jhallasha s-somma ta elf lira Maltin rapprezentanti arretrati ta' xahrejn, u cioe' tax-xhur ta' Awissu u Settembru 2003.

Il-konvenut ma ressaq ebda prova sabiex jikkontradici l-prova mressqa mill-attrci rigwardanti l-fatt li l-ammont dovut lilha ghax-xhur ta' Awissu u Settembru ghadu dovut. Huwa jikkontendi li l-attrici ghad ghandha fil-pussess taghha ammont ta' kambjali li huwa kien ikkonsenjalha sabiex hija tirritornahom lid-debituri li kienu effetwaw il-pagamenti relattivi. L-attrici tispejga lli hija kienet zammet dawn il-kambjali sabiex tikkawtela id-drittijiet taghha u tghid li hija m'gahndha ebda diffikolta li tirritorna dawn il-kambjali lid-debituri koncernati una volta li l-konvenut ihallasha l-ammont lli ghadu dovut lilha. Hija tghid li gabret l-ammonti indikati f'dawn il-kambjali u ghaddiet il-flus lill-konvenut. Irid jigi rilevat li dan tal-ahhar ma ressaq ebda prova tad-danni allegatament sofferti minnu bhala

konsegwenza tal-agir tal-attrici u ghalhekk ma jirrizultax li huwa sofra xi danni.

It-Tribunal jidhirlu li l-attrici ippruvat soddisfacentement li l-ammont mitlub minnha kien u ghadu dovut lilha mill-konvenut.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jilqa’ t-talbiet attrici u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici s-somma ta elf lira Maltin (Lm1,000.00) bl-imghax pagabbli mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta’ din l-istanza ghandhom jigu sopportati nterament mill-konvenut skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------